Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 84
# It-Tnejn 20 ta' Diċembru 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier – Kunsillier <dahal 13:08>

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Alan Abela Wadge – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

84.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

84.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge,li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

84.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Matthew Agius avvża li jista' jew jasal tard jew li ma jkunx jista' jitlaq mix-xogħol. U talab li jkun skużat fil- każ li ma jkunx jista' jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol.

84.1.04 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

84.2.01 Il-minuti ta' Seduta L7-82 ittieħdu bħala moqrija u saru xi korrezzjonijiet f'minuti : 83.4.06 u 83.4.10 .
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**84.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

84.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill-Kunsilliera preżenti u tat id-dettalji dwar l-iskema ta-assigurazzjoni, fuq is-saħħa mifthema mill- AKL.

83.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda dettalji fuq riżultati, Wifi4EU fejn gharfet lill- Kunsilliera preżenti. Li l-Kunsill jista' japplika għall- fondi sa' 15,000 Euro.

**84.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

84.4.01 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar żviluppi fuq il- korrispondenza Rental of Training Room. Jekk il-kumpanija aċċettatx l- stima, għall- kiri ta'Day Centre biex jintuża filgħaxija biss għall 80 Euro kull sessjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li le, għax l-stima hija għolja meta mqabbla ma' postijiet oħra.

84.4.02 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm risposta, għall-kummenti tal-Kunsill dwar il proposti fir-riforma tal-liġi għall Kunsilli Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn intbgħatu fuq sit apposta, għall- pubbliku fejn ma kienx qedt jistenna risposta mmedjata.

84.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-knis u kienx twaqqaf il-pagament, li kien hemm fuq l-skeda.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li waqqaf il-pagament sakemm ssir laqgħa mal-kuntrattur biex jitjieb is-servizz kif deciz fil- laqgha preċedenti . Din il-laqgħa saret u kien hemm preżenti mill- Kunsill, is-Sindku u s-Sur Maurice Agius fejn ġew diskussi ċertu nuqassijiet u kif jista jitjieb is-servizz. Hawn kompla jispjega li stenna sal-laqgħa preżenti biex joħroġ il-pagament.

84.4.04 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa għaliex ċertu talbiet ta'xogħol jieħdu ammont ta' żmien biex issir ?
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li ċertu dewmien huwa minħabba il-lista pendenti ta'xogħolijiet oħra li rridu ssiru u anke ċertu xogħol ma jistax jaqbad u jibgħat lill kull ħaddiem assenjat u jagħmlu ċertu tip ta' xogħol minħabba limitazzjoni ta' dak li jafu jagħmlu. Għall ċertu tip ta' xogħol ikollu jiddependi minn ċerta ħaddiema biss biex dan ix-xogħol jsir kif suppost. Għalhekk meta dawn għall xi raġuni ma jkunux preżenti mhux possibbli li ċertu xogħol jsir.

84.4.05 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk sarx xi ħaġa fuq id-drenaġġ u s-sadd tal-Gutters fi' Triq Xatt ta'Xbiex ma' Triq Giachinno Navarro.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li jinsab infurmat li ħareġ it-tender biex ssiru xogħolijiet mill - WSC u sakemm dan ssir ma tantx tista tagħmel affarijiet minħabba il-ħsarat li hemm fis-sistema ta'drenaġġ preżenti.

84-4-06 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar il-Byelaw u meta se ssir laqgħa mal-puliżija.

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wieġbet li ġa intbgħatet kopja lil l-Spettur u qed nistennew il-kummenti. Jaqbel li tintbgħat Reminder ħalli mmexxu mill- aktar fiss bla dewmien.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jara li ssir laqgħa mal-ispettur fl- iqsar żmien u javża lill- kulħadd.

### 84.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

84.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ppreżentat fuq il- programm propost għall attivita flimkien mall-Għaqda Melita' Banda San Ġużepp tal-kunċert tal-Milied li ser ssir fl- 24 ta' Diċembru.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew il-programm u approvaw sehem loġistiku sa' massimu ta' 300 Euro.

84.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar talba, biex jitneħħa l-parkeġġ quddiem Maħżen f' Triq Misraħ il-Barrieri ma' Triq il- Baċir għax se jerġa' jibda jintuża.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu li dan jitneħħa meta jasal il-waqt ftit ġranet qabel ma dan jibda jintuża.

84.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar talba għall- no objection ta'Loading and Unloading, ġo Triq H . Calleja Schembri minn operatur ta'Laundry.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu li din għanda ssir.

84.5.04 Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq abbużi minn van tal-ħaxix, fil-kantuniera ħdejn il-knisja u vettura ta' taxi li qed tikkapara keep clear ma ġenb tal-knisja

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jinforma lill- pulizija biex tkun tista' titieħed azzjoni.

**84.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

84.6.01 Ma kienx hemm Rapporti tal-laqgħat, tal-Kumitat.

**83.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

84.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-83 < dc 84 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn is-27 ta' Novembru u l-20 ta'Dicembru 2018. Għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Lino Bartolo, u s-sekondati mis -sinjura Romina Galea.
L- iskeda ġiet approvata ,unanimament.

**84.8 Tmiem tal-laqgħa u d- data tas-seduta li jmiss.**

84.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-13:30 ta' wara nofsinhar u ġiet aġġornata, għall-Ħamis 31 ta' Jannar 2019 fil-17:30pm.

Minuti konfermati, illum 31 ta'Jannar2019.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv